**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORT TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 475/2021 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Eman Hayman)**
**-Vs-**
**FRANCIS GALEA**

**Illum 7 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **FRANCIS GALEA** ta' 80 sena, iben Carmel u Imelda nee' Vassallo, li twieled ġewwa Rabat nhar il-25/07/1941, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz 42, Ann Frank, Triq Nerik Mizzi, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 462541M, li ġie akkużat talli nhar is-27/01/2021 għall-ħabta ta' ta' 5:45pm u fis-sieghat u, jew fil-ġranet u, jew gimgħat u, jew xhur u, jew snin ta' qabel ġewwa il-Mosta b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jikru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni waħda:-

1. Waqt li kien jaf jew missu kien jaf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx ikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna u, jew mewt, xjentement ġiegħel jew ippermetta lil martu Anne Galea,

issofri u, jew ġab fuq din il-persuna uġigħ fiżiku jew tbatija, mentali mhux ġustifika mhux ġustifikabbli waqt li kellu l-kura u l-kustodja tagħha u, jew xjentemnet giegħel jew ippermetta li saħħitha ssirilha ħsara u, jew xjentement giegħel jew ippermetta li titqiegħed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħha tkun fil-periklu.

2. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment tal-mara tiegħu u cioe' martu Anne Galea u waqt li kien qed jgħix magħha.

Il-Qorti kienet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Francis Galea a benefiċju ta' Anne Galea u l'familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Anne Galea jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Francis Galea billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lil Kenneth Spiteri b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami bla ġurament, iwieġeb mhux ħati;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Mejju 2022 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikoli 18, 31, 257A (1)(2)(3)(b) u 257F (1)(4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 18, 31, 251(1)(2), 251D (3) 251H (a), 251HA u 202 (h)(i) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 7, 8, 15A (1)(2), 16, 17, 18, 19, 22, 31 u 370 (1)(2)(3)(5) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022 li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ir-relazzjoni ta' Dr. Joseph Cassar u rat ukoll ir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri, maħtura bħala esperti ġudizzjarji;

Semgħet ix-xhieda tal-espert tal-psikjatrija Dr. Joseph Cassar, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021;

Semgħet lid-difiża fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021 tiddikjara illi mhux qed jiġi kontestat illi l-imputat u Anne Galea huma miżżewġin u ilhom miżżewġin diversi snin;

Semgħet lid-difiża fis-seduta tat-8 ta' Frar 2022 teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq ix-xhieda dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat;

Semgħet lid-difza tiddikjara li ma tikkontestax illi fix-xhieda tagħha Anne Galea meta għamlet referenza għal żewġha 'Frankie', kienet qed tirriferi għall-imputat odjern

Semgħet lid-difiża taqbel illi l-leħen li jinsema' fir-recordings fuq USB Dok. JM1 u fuq CD Dok. EH3, huwa leħen Anne Galea.

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi nibtu minn rapport anonimu li kien sar lill-Pulizija fil-25 ta' Frar tas-sena 2021[1], dwar possibbli abbuż u vjolenza domestika li kien qed iseħħ fid-dar matrimonjali tal-imputat, Francis Galea, u martu Anne Galea. Mill-investigazzjonijiet li saru fuq dan ir-rapport, fejn ġew mitkellma numru ta' ġirien tal-koppja, irriżulta li kien ikun hemm storbju ta' għajjat ta' ġlied u twerżiq ta' uġigħ ġej mid-dar tal-koppja u ġie rapportat illi l-kundizzjoni fiżika tal-mara kienet iddeterjorat b'mod evidenti, ma setgħetx timxi sew jew titla' t-taraġ wara li għamlet operazzjoni fl-għadma tal-hip, u ma baqgħetx toħroġ mid-dar. Ukoll, ġie rapportat illi r-raġel tagħha kien iħalliha waħedha ta' sikwit u ġieli għal ġurnata sħiħa, u kien anke keċċa lill-helper li kienet tmur tgħinhom bit-tindif u tisjir.

[1] Rapport tal-okkorrenza GHQ/GBDV/211/2021, paġna 10 *et sequitur* tal-atti tal-kompilazzjoni.

Fis-27 ta' Lulju 2021 sar rapport ieħor minn Emidio Vella[2] għaliex kien ra li zitu, Anne Galea, kellha bżonn l-għajnuna minħabba l-kundizzjoni fiżika magħdura tagħha u għaliex kienet qed tiġi allegatament imsawta minn żewġha. Il-Pulizija rrikorrew fid-dar tal-koppja Galea ġewwa l-Mosta u billi Anne Galea dehret li ma felħitx timxi, kienet magħluba u kellha wkoll marki ta' tbenġil fuq wiċċha, kien ġie msejjaħ fuq il-post it-tabib Dr Raymond Grixti li wara li eżaminaha, ordna li tittieħed l-Isptar. Jirriżulta li Anne Galea baqgħet tinżamm l-Isptar għal diversi ġimgħat u in segwitu ġiet trasferita ġewwa St. Elizabeth Home u sussegwentement, Casa Arkati, fejn eventwalment mietet fil-mori tal-proċeduri mingħajr qatt ma reġgħet marret tgħix ma' żewgha[3].

Illi l-imputat qed jiġi mixli bir-reat taħt l-artikolu 257A tal-Kodiċi Kriminali, li huwa wieħed mir-reati li jikkriminalizzaw l-abbuż fuq persuni anzjani u persuni dipendenti, kif ukoll ir-reat taħt l-artikolu 251(1) tal-Kodiċi Kriminali, komunement magħruf bħala r-reat ta' maltrattament, entrambi allegatament kommessi fil-konfront ta' martu Anne (Anna) Galea li fiż-żmien tar-reati, kellha ħamsa u tmenin sena[4].

Il-Qorti tqis illi sabiex isir stħarriġ kif imiss dwar il-ħtija o meno tal-imputat għaż-żewġ reati, jinħtieġ li jiġi eżaminat bir-reqqa l-provi proċesswali u għalhekk sejjer jinsilet is-sostanza tax-xhieda rilevanti biex abbażi tagħha jiġi stabbilit jekk jikkonkorrux l-elementi kollha taż-żewġ reati addebitati lill-imputat.

**Paul Pace** xehed illi darba minnhom, għall-ħabta ta' Lulju 2021, kien ċempel lil zitu, Anne Galea biex jara kif inhi, u nsemgħet "*daqsxejn down u weak ħafna*" u għalhekk l-għada mar iħabbtilha d-dar, fejn fetaħ iz-ziju tar-rispett, Frank Galea, iżda għalkemm qallu li kien ġie biex jara jekk iz-zija kellhiex bżonn xi ħaġa, minn wara l-bieb imbexxaq qallu m'hemmx għalfejn għaliex ma kellha bżonn xejn u kienet qiegħda tistrieħ. Fil-fatt ma kienx daħal fid-dar tagħhom għaliex Frank Galea deher li ma kienx ħa pjaċir li huwa jitla' jara liz-zija, u iktar tard fl-istess ġurnata ċempel lil oħtu

[2] NPS 9/T/2291/2021.
[3] Ara nota tal-imputat, ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2023.
[4] Ara estratt miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, Dok. EH2, paġna 192 tal-atti tal-kompilazzjoni.

Miriam Aquilina biex jgħidilha b'dan kollu. Meta mar jara lil zitu hekk kif daħlet l-Isptar, bdiet tgħidlu, fil-prezenza tal-*carer* u minn jeddha, illi żewġha kien isawwatha u jaħqarha u li ħadielha l-flus u kien irrikordja dan id-diskors tagħha[5].

**Miriam Aquilina** xehdet illi f'Lulju 2021 kien ċemplilha ħuha Paul Pace biex tmur ittawwal lil zithom Anne Galea, għaliex żewġha ma kienx ħallih jidħol f'darhom meta mar biex jaraha u kien qallu li rieqda. L-għada għall-ħabta tad-8:45a.m. hija marret għandhom u fetħilha Frankie u qalilha li z-zija Annie kienet rieqda. Minkejja dan, hi insistiet li tidħol tara liz-zija u qabdet u daħlet u telgħet fuq. Sabet lil zijitha fis-sodda u dak il-ħin, meta rat l-istat li kienet fiha, qabdet tibki għaliex "*kienet f'estremita'*" u "*gravi*". Kienet ferm irqaq minn meta kienet ratha l-aħħar, xi tliet ġimgħat qabel, "*għadam kollha kienet*" u kienet mitluqa tant illi ma felħitx tqum mis-sodda. Fil-fatt meta zita qaltilha hi stess li kienet muġugħa u bil-ġuħ, rat illi l-fridge tagħhom kien kompletament vojt u ma kellhom ebda ikel fid-dar. Dak il-ħin lill-imputat qaltlu biex iċempel għal tabib minħabba l-estremita' li fiha kienet tinsab zitha u kien ċempel lil Dr Chetcuti Caruana, it-tabib tal-familja tagħhom ilkoll, u kkonferma li kien ser imur jittawlilha. Lill-imputat qaltlu wkoll li kellhom bżonn l-għajnuna anke fejn jidħol l-ikel u offriet li tapplikalhom għas-servizz ta' ikliet b'xejn.

L-għada fil-għodu, kien ċemplilha Frank Galea u qalilha li ma kienx hemm bżonn li terġa' tgħaddi għaliex it-tabib kien ġej fit-3.30 p.m. iżda hi insistiet li tmur xorta waħda għaliex kienet xtratilhom xi affarijiet bil-flus li kien taha l-istess Frank Galea, u marret għandhom. It-tabib kien mar jara liz-zija fil-għodu meta kienet għandhom, u mhux fit-3.30 p.m. kif kien qalilha l-imputat. Quddiemha, it-tabib kien staqsa liz-zija għaliex ma kienetx qiegħda tiekol u kif ġiet it-tbenġila li kellha fuq għajnejha iżda hi baqgħet ma weġbitux, dawret id-diskors u ma tkellmet xejn ħlief li meta t-tabib qalilha li jekk ma tiekolx u ma tieħux il-vitamini, tista' tispiċċa l-Isptar, qalet li ma tridx tmur l-Isptar. Kif telaq it-tabib, l-imputat qalilha li kien mgħaġġel u kellu jitlaq u meta offrietlu li tixtri l-vitamini hi stess, irrifjuta u qalilha li ser jixtrihom hu.

---

[5] CD Dok. EH3.

Miriam Aquilina xehdet ukoll li kienet rat marka oħra fuq wiċċ iz-zija anke f'okkażjoni preċedenti iżda meta staqsietha dwarha, iz-zija kienet qaltilha li kienet waqgħet meta marret timla flixkun tal-ħġieġ bl-ilma, u innegat li kien laqatha xi ħadd.

Xehdet illi qabel, kienet tmur iżżur lil zitha Anne Galea darba fil-ġimgħa. Iddeskrivietha bħala mara li kienet tħobb iżżomm ruħha iżda fl-aħħar żmien bdiet tbati ħafna b'saqajha u ma kienetx qiegħda toħroġ u kienet waqfet toħroġ biex tagħmel ix-xirjiet madwar sena u nofs qabel iddaħħlet l-isptar. Xehdet ukoll li kienet marret biex tara liz-zija xi tliet ġimgħat qabel kien kellimha l-kuġin Paul Pace dwar il-kundizzjoni tagħha, fejn l-għada kienet ċemplitilha l-helper u qaltilha li z-zija kien telgħelha rash fuq daharha u kienet qed tħokk ħafna u qaltilha biex ma tersaqx 'l hemm ma jmurx ikun ħruq ta' Sant'Antnin. Għalhekk, hija kienet ċemplet lil Frank Galea u qaltlu biex jibgħat għal tabib.

**Theresa Debono** xehdet[6] illi kienet marret flimkien mal-kuġina Miriam Aquilina fir-residenza ta' zithom, Annie Galea, u dan wara li rat li ma kienetx marret għall-funeral ta' oħtha ftit ġranet qabel. Kienet ilha ma tara lil zitha madwar tliet snin. Kien fetħilhom l-imputat u kif telgħet it-taraġ, ħadet qatgħa bil-kundizzjoni li kienet tinsab fiha z-zija, tant li ħaditilha ritratt dak il-ħin bil-mobile phone (Dok. TD2). Meta l-imputat qalilha li kien jixtrilha l-ikel mingħand il-Premier tal-pastizzi, hi qaltlu li dak mhux ikel tajjeb u li z-zija kellha bżonn tiekol ikel sustanzjuż. Xehdet illi bilkemm setgħet tisma' leħen iz-zija għaliex ma kienetx qed titkellem normali. Xehdet illi kienet xammet riħa ta' awrina. Offriet li ssajrilhom ftit brodu taċ-ċanga iżda l-imputat irrifjuta, għalkemm kien aċċetta li tapplikalu għall-għajnuna biex jiġi xi ħadd jgħin liz-zija tinħasel. Madankollu, meta ċemplitlu iktar tard biex tgħdilu li z-zija kellha bżonn l-għajnuna u kellha tittieħed l-Isptar, l-imputat qalilha li Anne ma tridx tmur l-Isptar. Qalet ukoll li kienet irrikordjat dik it-telefonata li għamlet lil Frank Galea għaliex deher li kien bidel il-fehma u ma ridhiex iġġib in-nies biex jgħinuh jieħu ħsieb lil martu. Qalilha fit-telefonata li ma ried lil ħadd ġo daru u qalilha biex ma ġġiegħlux

[6] Xhieda tat-18 ta' Awwissu 2021.

jagħmel storja. Dakinhar stess il-kuġin tagħha Emidio Vella kien ċempel lill-Pulizija minħabba l-kundizzjoni taz-zija u l-Pulizija kienu marru fid-dar tagħha.

**PS 2224 Suzanne Mifsud**, li ħadet ir-rapport ta' Emidio Vella fis-27 ta' Lulju 2021 u marret fuq il-post biex tinvestiga l-allegazzjonijiet, xehdet illi hija sabet lil Anne Galea fuq il-bejt, ma setgħetx timxi mingħajr bastun, kellha nuqqas ta' smigħ iżda setgħet tikkomunika tajjeb. Meta staqsietha kif inhi, Anne Galea weġbitha li tinsab tajba. Meta rat li kellha t-tbenġil wiċċha u staqsietha x'kienu, qaltilha li ġralha hekk minħabba xi krema li tuża fuq wiċċha u ċaħdet li r-raġel tagħha kien jerfa' idejh fuqha. Fil-fatt, bdiet tgħajjat lir-raġel tagħha biex jiġi ħdejha. Qaltilha wkoll li tiekol il-pizza, pastizzi u pasti roża tal-coconut. Anne Galea rrifjutat li tmur iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta akkumpanjata mill-Puliziija biex tiġi invistata minn tabib u għalhekk, ix-xhud talbet hi stess għall-assistenza ta' tabib għaliex Anne Galea dehret niexfa ħafna. Dak il-ħin l-imputat sajrilha pizza li kien ħareġ minn ġol-freezer.

Xehdet ukoll li waqt li kienu qed jistennew it-tabib fid-dar ta' Anne Galea, ġiet fuq il-post in-neputija tagħha Terry Debono li semmgħetilha *recording* fuq il-mobile phone taghha ta' telefonata li kienet għamlet lill-imputat iktar qabel, fejn semgħetu jgħid li martu kienet sejra tirrifjuta tmur l-isptar u qalilha wkoll il-kliem "*tagħmilli xi waħda u ġġiegħlni nagħmel xi storja umbagħad, jien naf x'paċenzja qed nieħu biha*"[7]. Imbagħad ġie t-tabib Dr. Raymond Grixti biex jeżamina lil Anne Galea u ordna li tittieħed l-Isptar permezz ta' ambulanza. Dwar dan kollu ħejjiet rapport (Dok. SM1)[8]

**Dr. Raymond Grixti** xehed illi kien ġie mitlub mill-Pulizija biex jeżamina lil Anne Galea ġo darha f'Lulju 2021. Kif ra lill-pazzjenta fir-residenza tagħha, mill-ewwel intebaħ li kien hemm xi ħaġa serja għaliex kienet *dehydrated* u kienet ukoll għadma u ġilda "*wasted ħafna, jiġifieri l-muskoli tagħha kienu wasted, bil-kemm kellha saħħa titkellem*". Meta eżaminaha, ikkostata li qalbha kienet qed tħabbat b'mod fraġili ħafna tant illi l-polz bilkemm seta' jinħass, u kellha pressjoni baxxa ħafna. Innota wkoll xi tbenġil f'wiċċha u kien imħasseb ħafna fuq il-kundizzjoni tas-saħħa tal-pazzjenta

[7] PS 2007 Theresa Farrugia xehdet ukoll li semgħet dan ir-recording u semgħet l-istess kliem.m
[8] NPS 9/T/2291/2021.

għaliex kienet marida serjament u kien evidenti li kellha bżonn tidħol l-isptar b'emerġenza. Xehed ukoll li dak il-ħin inqala' argoment bejn il-pazzjenta u żewġha għaliex kienet indikatlu li riedet tilbes dentatura oħra minflok dik li kellha dak il-ħin, iżda żewġha beda jirrabja magħha minħabba din id-dentatura. Meta ra li l-argoment kien ser jeskala, huwa qal lill-pazzjenta biex tibqa' bid-dentatura li kellha dak il-ħin.

Dr. Raymond Grixti ikkonferma illi fl-esperjenza tiegħu bħala tabib, biex persuna tispiċċa fil-qagħda li kienet fiha Anne Galea, tkun waslet fl-aħħar għaliex kienet wisq magħluba u xotta u l-qagħda kienet waħda serja ħafna.

**Dr. Matthew Vella**, it-tabib li kien eżamina lil Anne Galea fit-28 ta' Lulju 2021 fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, xehed illi kienet *dehydrated* u *malnourished* u dan ġie konfermat mir-riżultat tat-test tad-demm tal-kliewi. Xehed ukoll: "*... dehret unkempt, kellha poor hygiene ... medically kellha bżonn tidħol l-isptar għax kellha bżonn drip peress li kienet dehydrated u kellna naraw li qiegħda tiekol biżżejjed għaliex dehret malnourished.*" Xehed ukoll li meta tkellem mal-pazzjenta, kienet qaltlu li r-raġel tagħha kien jiġbdilha xagħarha, jagħtiha d-daqqiet, jirrabja ħafna u ma tafx għalfejn, u kien remhielha wkoll id-dentatura u hearing aids.

**PS 2007 Theresa Farrugia** xehdet illi meta marret tkellem lil Anne Galea l-Isptar Mater Dei fid-29 ta' Lulju 2021[9], l-istess Anne Galea qaltilha li fil-presenza tal-infermiera illi kienet tqatta' ħafna ħin waħedha d-dar għaliex żewġha kien joħroġ ħafna matul il-ġurnata. Qaltilha wkoll li lil żewġha tħobbu ħafna u li kien isajrilha l-għaġin u meta kien jgħidilha biex tmur torqod anke filgħodu, kienet tobdih. Mistoqsija fuq it-tbenġil evidenti li kellha f'wiċċha, Anne Galea qaltilha li ġarrbithom meta waqgħet fid-dar tagħha meta kienet waħedha, iżda qalet ukoll illi żewġha kien qiegħed hemmhekk u għinha biex tqum.

**Martine Cauchi**, ħaddiema soċjali li kienet evalwat il-każ ta' Anne Galea meta ddaħħlet l-Isptar Mater Dei, xehdet illi Anne Galea kienet emozzjonata ħafna waqt il-

[9] Ara rapport NPS GHQ/GBDV/989/2021.

laqgħa li kellha magħha u bdiet issir ansjuża. Qaltilhom li kienet daħlet l-Isptar għaliex kienet għolbot wara li għamlet tliet xhur ma tiekol – fatt li ġie affermat mit-tobba li invistawha fis-27 ta' Lulju 2021- u dan għaliex kienet qed tħoss ħafna dwejjaq minħabba r-raġel tagħha u kienet ilha sena maqfula fid-dar – fatt li wkoll ġie korroborat indipendentement mix-xhieda tal-qraba ta' l-istess Anne Galea. Xehdet illi Anne Galea rrakkontatilha wkoll kif l-attitudni ta' żewġha kien inbidel fl-aħħar sena u beda jsir nervuż kif ukoll fiżikament aggressiv fil-konfront tagħha, filwaqt li fl-aħħar tliet xhur l-attitiduni tiegħu iddeterjorat tant illi ma riditx tibqa' tiekol. Esprimiet ix-xewqa li ma tmurx lura d-dar ma' żewġha.

**Josephine Mallia** xehdet illi meta marret tara lil zijitha Anne Galea meta daħlet l-Isptar f'Awwissu 2021, bdiet tgħidilha li kienet tiġi maltrattata u maħqura minn żewġha, l-imputat, u hi ħassitha ħażin fiżikament b'dak li bdiet tgħidilha zijitha. Għalhekk meta reġgħet marret taraha, fl-4 ta' Awwissu 2021, u zijitha bdiet tgħid l-istess kliem, iddeċidiet li tirrikorjdaha bil-mobile phone.

Il-Qorti semgħet dawn ir-recordings li ġew esebiti minn Josephine Mallia, u semgħet leħen ta' mara anzjana – li d-difiza qablet espressament li huwa leħen Anne Galea – tgħid, b'riferenza għal "Frankie", li "*jaqbeż jagħti*" għalkemm ma tkunx kellmitu u ma tkun għamlet xejn. Anne Galea tinsema' tgħid ukoll li għalkemm dan l-aġir kien ilu għaddej, qatt ma tkellmet u ma riditx tgħid lin-neputijiet għaliex itiha "*xebgħa*". Qalet ukoll li anke jekk kienet tkun kwieta, kien jaqbadha minn xagħarha u kienet tibda twerżaq u ġieli taha daqqiet fuq wiċċha għaliex isir nervuż. Ħadilha wkoll il-flus li kienet iġġemma' u darba kienet qiegħda fejn it-taraġ u taha daqqa ġo dahara u weġġagħha sew. Qalet li l-ġirien kienu semgħuha tgħid 'ajma'. L-istess persuna nsemgħet tgħid ukoll fir-recording illi m'għandhiex telefon u t-telefon fuq il-komodina hu biss kien jirrispondih, u li dejjem kienet tkun waħedha għaliex hu joħroġ u jagħmel ebda' sigħat jew ħamsa u jħalliha waħedha. Meta kienet issajjar, hu ma kienx jiġi u kienet toqgħod tistennih u meta jidħol id-dar jitlaq jiġri għal ġos-sodda.

**Doris Tanti**, il-persuna li kienet tgħin lill-imputat u lil martu fid-dar, xehdet illi xogħolha kien li tmur tixtrilhom, issajrilhom u tagħmel xi faċendi ħfief fid-dar

tagħhom u kienet ilha sena taħdem magħhom, darbtejn fil-ġimgħa għal siegħa u nofs jew ftit iktar kull darba. Iddeskreviet il-kmamar fid-dar bħala "*mhux li tgħid maħmuġin ħafna li tiddejjaq*" u kkonfermat ukoll li Anne Galea, għalkemm ma kienetx ikkonfinata għal ġos-sodda, kienet tbati biex timxi u ma kienetx tinżel it-taraġ. Madankollu, xehdet illi kienet iżżomm ruħha tajjeb, billi tbiddel il-ħwejjeġ ta' spiss u għalhekk kien ikollha taħsel ħafna ħwejjeġ u kienet ukoll tiddiletta tagħmel il-makeup u xagħarha. L-aħħar darbtejn li ratha Anne Galea kienet fis-sodda u qaltilha li kienet għajjiena, imdejqa u mgħaxxa.

**Dr. Paul Chetcuti Caruana** xehed illi ilu iktar minn ħamsin sena it-tabib tal-familja ta' Anne Galea u żewġha u l-aħħar li rahom kien sena jew sena u tliet xhur qabel. Qal li Anne Galea kienet bdiet tbati bid-demenzja iżda xorta waħda kien jista' jirraġuna magħha. Il-kundizzjoni fiżika tagħha ma kienetx ħażin għall-eta' li kellha u jista' jkun li kellha trombożi f'saqajha iżda b'mod ġenerali kienet b'saħħitha. Meta kien imur id-dar tagħhom biex jinvistahom, daqqa kienet iċċempillu Anne Galea u daqqa r-raġel tagħha u d-dar dejjem kienet tkun nadifa u miżmuma tajjeb[10] għalkemm kien isib lil Anne Galea l-iktar bil-qiegħda fil-kamra tas-sodda u kien jiftaħlu żewġha.

**Anne Galea**, l-allegat vittma tar-reati u mart l-imputat, kienet laħqet xehdet quddiem il-Qorti fis-16 ta' Marzu 2022, bil-proċedura taħt l-artikolu 647A tal-Kodiċi Kriminali, minn ġewwa Casa Arkati fejn kienet qed tirrisjedi dak iż-żmien.

Illi l-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar kien ġie inkarigat speċifikatament, b'estensjoni tal-inkarigu oriġinali lilu mogħti, biex jevalwa l-istat konjittiv ta' Anne Galea fis-16 ta' Marzu 2022 u jiċċertifika jekk kienetx fi stat tajjeb mentalment biex tixhed. Mill-eżami li kkonduċa, l-espert ikkostata li Anne Galea kienet konjittivament fi stat tajjeb, u d-diskors tagħha kien koerenti, filwaqt li l-proċess kien dirett għall-għan tiegħu. Ma wrietx problemi ta' perċezzjoni jew sinjali ta' paranoia jew sintomi ta' dipressjoni. Barra minn hekk, kienet orjentata għal ħin, għal post u għaliha nnifisha, għad illi mhux orjentata għad-data, u "*tifhem dak li żewġha Francis Galea*

[10] "*Ma kienx hemm ħmieġ jiġifieri tidħol f'dar u tgħid 'Ommi ma'*".

*huwa akkużat bih u qiegħda fi stat konjittiv li tista' tagħti x-xhieda*". Fil-fatt, l-espert ikkonkluda li Anne Galea kienet tjiebet sew mill-aħħar eżami li kien ikkonduċa, u l-konċentrazzjoni u l-memorja tagħha kienu tajbin għall-eta' tagħha, grazzi wkoll għall-fatt li kienet qed tieħu l-mediċini tagħha u kienet qiegħda ssib lil min jieħu ħsiebha.

**Anne Galea** xehdet illi kienet ilha erbgħin sena miżżewġa lill-imputat. Xehdet illi minn mindu żewġha u n-neputi tagħha Mario Vella, li qabel kienu jmorru tajjeb u kienu joħorġu flimkien, kienu ġġieldu, żewġha kien beda jkun bin-nervi għaliex Mario ma kienx qed ikellmu iktar, u lilha ma riedx jaf biha iktar. Kien jirrabja magħha, jaqbadha minn xagħarha, iweġġagħha, iwaqqagħha fl-art u jsawwatha ("*kien iġebbidli kemm jiflaħ xagħari u jweġġagħni u jwaqqagħni fl-art*") u dan meta kienet tkun kwieta u ma tkun għamlitlu xejn. Qatt ma qalet lil ħadd minn tal-familja b'dak li kien qed jagħmlilha żewġha iżda taf illi l-ġirien kienu jinkwetaw għaliha. Għamlet madwar sentejn ma toħroġx mid-dar għaliex ma kienetx ferħana, peress li żewġha kien jgħidilha kliem li jweġġgħuha, u kien ikollha ħafna dwejjaq. Saħqet illi qabel żewġha bidel l-attitudni tiegħu lejha, kienet tħobb tilbes u kienet dejjem tkun pulita. Għalkemm fl-aħħar sentejn żewġha kien jieħu ħsieb ix-xiri u kien jiġi d-dar biex isajjar, eventwalment ma baqax jagħmel dan u beda jħalliha ħafna waħedha d-dar. Kien imur jiekol f'nofsinhar ġo ħanut San Pawl il-Baħar u d-dar kien jiġi fil-ħdax u nofs ta' filgħaxija.

Fix-xhieda tagħha, Anne Galea saħqet illi illum tinsab ħafna aħjar milli kienet u ma kienetx bi ħsiebha titlaq minn Casa Arkati għaliex hemmhekk kulħadd jirrispettaha ħafna. Xehdet ukoll illi biex marret l-Isptar, żewġha kien taha daqqa kbira f'daharha u weġġagħha. Ilmentat li żewġha kien ġabha fi stat ħażin u kien jaf b'dan u kien jaf li ma kienetx f'pożizzjoni li tmur għall-funeral ta' oħtha,

**L-imputat, Frank Galea**, waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulzija fl-1 ta' Awwissu 2021, irrilaxxa stqarrija fejn qal illi r-relazzjoni tiegħu ma' martu Anne Galea hija tajba ħafna, jirrispettaw lil xulxin u qatt ma naqsilha f'xejn. Jaqbel li t-tabib ordna li martu tinbagħat l-Isptar biex tingħata l-kura għaliex kienet għolbot, iżda insista li kienet ilha tinxtorob għaliex kienet tgħidlu li ma kienx ikollha aptit tiekol. Għalkemm kien

jibgħat għat-tabib Dr. Paul Chetcuti Caruana, kien jgħidlu li ma seta' jagħmel xejn dak iż-żmien. Jaqbel ukoll li martu kienet fi stat ħażin meta t-tabib Grixti ordna li tittieħed l-Isptar, u mistoqsi x'kien għamel biex jipprevjeni li tispiċċa f'dak l-istat, qal "*Xi stajt nagħmel, għidtilhom biex jiġu jeħduha l-Isptar ħa jaraw, mela jien nifhem, x'ridt nagħmlilha jien?*"

Qal ukoll li jaf li martu kienet tieħu xi kalmanti, pirmla waħda kuljum, iżda kienet qatgħethom xi erba' xhur qabel. Ċaħad li kien hu li qatagħhomlha u stqarr li minkejja li kien jaf li martu ma baqgħetx tieħu l-pirmli u minkejja wkoll li t-tabib Dr. Chetcuti Caruana qallu biex jisfurzaha teħodhom, stqarr: "*M'għamilt xejn, jien ma tajtx kaz imbagħad jekk ma riditx teħodhom noqgħod nisfurzaha biex tarmihomli fit-toilet?*" Stqarr ukoll li kien jaf li martu ma kienetx qed tixrob ilma u ma kienetx tiekol ħafna għalkemm huwa kien jixtrilha l-ikel li kienet tgħidlu biex jixtrilha, bħal pasti, kejkijiet, ċikkulati, pizza u timpana, affarijiet li jista' jixtrihom lesti.

L-imputat fl-istqarrija tiegħu, innega l-allegazzjonijiet li għamlet martu lil Dr. Matthew Vella fl-Isptar, ċioe' li huwa kien itiha bil-ponn, bis-sieq, ikaxkarha minn xagħarha u kissrilha l-hearing aid, u sejħilhom "*gideb*" u sostna li l-hearing aids kien xtrahulha hu stess, iżda meta kien qed jaħsilhomlha għaliex kienet waqqgħethom mal-art, żelqulu minn idu, waqgħu fit-toilet u fflaxxjahom. Ma kienx xtralha hearing aid ieħor minkejja li dawn intilfu xi erba' xhur qabel martu idaħħlet l-Isptar, u stqarr li forsi ma kienx ta daqshekk kas u sostna wkoll li d-dentatura li marret l-Isptar biha ma tiġihix tajjeb għaliex it-tajba wkoll kienet waqgħet fit-toilet. Ċaħad li kien ifflaxxjalha d-dentatura fit-toilet u jekk għamel hekk, għamlu bi żball.

L-imputat stqarr ukoll li meta ġie arrestat, waqt li martu kienet ittieħdet l-Isptar, kien il-Casino fejn mar biex jieħu drink u kellu elf Euro f'kontanti fuqu, għalkemm insista li l-flus żammhom fuqu biex ma jinsterqux minn ġo daru.

Qal ukoll li l-aħħar li kien ħariġha minn ġod-dar lil martu kien xahar jew xahar u nofs qabel, meta marru bil-karozza x-Xemxija u qagħdu fil-karozza. Ma ħadhiex il-funeral

ta' oħtha għaliex ma tiflaħx timxi: "*Min jaraha dieħla fil-knsija qiesha nemla lanqas ħaqq taraha timxi hekk ... mela dik tista' timxi wara l-funeral?*"

Stqarr li ġieli f'nofsinhar kien joħroġ jiekol barra f'xi ħanut il-Mosta għaliex martu ma kienetx fi stat li ssajjar, u kien jgħajjat magħha għaliex ma tkunx trid tiekol: "*kienet iġġenninni*".

Ikkunsidrat;

L-artikolu 257A tal-Kodiċi Kriminali, li ġie addebitat lill-imputat fl-ewwel imputazzjoni, jikkriminalizza l-egħmil ta' persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li xi persuna anzjana jew adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli. Jikkriminalizza wkoll l-egħmil ta' persuna li waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu.

Hu evidenti li din id-dispożizzjoni legali tinkorpora fih żewġ aspetti tar-reat.

Għall-fini tal-ewwel aspett tar-reat, l-elementi kostituttivi huma (i) persuna anzjana jew dipendenti bħala s-soġġett passiv (ii) ix-xjenza da parti ta' persuna li s-soġġett passiv tar-reat hu persuna anzjana jew adult dipendenti, (iii) att ta' kommissjoni jew omissjoni (iv) li jikkaġuna sofferenza, tbatija fiżika jew mentali mhux ġustifikabbli taħt ċirkostanzi li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, u (v) ix-xjenza fl-aġent li l-effetti li dak l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni huma s-sofferenza jew tbatija fiżika jew mentali tal-vittma.

Il-bixra l-oħra tar-reat taħt l-artikolu 257A tal-Kodiċi Kriminali hija kostitiwita mis-segwenti elementi essenzjali: (i) persuna anzjana jew adult dipendenti bħala s-soġġett passiv, (ii) persuna li jkollha speċifikatament il-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana jew adult dipendenti u jmissha tkun taf li l-persuna hi anzjana jew adult dipendenti, (iii) att ta' kommissjoni jew omissjoni (iv) li jagħmel ħsara lill-vittma jew jqiegħduha f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħha tkun fil-periklu u (v) ix-xjenza fl-aġent li dak l-att jikkaġuna dik il-ħsara.

Is-subartikolu (2) tal-artikolu 257A jiddisponi illi persuna tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li persuna tkun persuna anzjana jew adult dipendenti jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik il-persuna hi persuna anzjana jew adult dipendenti.

Biex tinstab ħtija għar-reat taħt l-artikolu 257A tal-Kap. 9, jeħtieġ li jigi ppruvat li s-soġġett tar-reat kontemplat taħt dan l-artikolu tal-ligi huwa persuna li hija anzjana jew adult dipendenti. L-artikolu 257F(4) tal-Kap. 9 jiddefinixxi "*persuna anzjana*", għall-fini *inter alia* tar-reat taħt l-artikolu 257Ċ, bħala persuna li għalqet l-età ta' sittin sena, filwaqt li skont l-artikolu 257F(4) tal-Kap. 9, "*adult dipendenti*" huwa definit bħala persuna tal-età li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha l-kapaċità tagħha li twettaq attivitajiet normali jew li tipproteġi d-drittijiet tagħha jkunu ristretti, inklużi, iżda mhux limitati għal, persuni li jkollhom diżabilitajiet fl-iżvilupp tagħhom jew li l-kapaċitajiet fiżiċi u mentali tagħhom ikunu naqsu minħabba fl-età. Jinkludi wkoll kull persuna li tkun daħlet bħala pazjent residenti fi faċilità tas-saħħa li topera għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, jew tkun residenti f'istituzzjoni, jew daħlet f'istituzzjoni li toffri xi forma ta' kura medika jew psikoloġika.

Hu evidenti anke mid-Dibattiti Parlamentari dwar l-abbozz tal-liġi li emenda l-Kodiċi Kriminali permezz tal-Att XXI.2014[11], illi dan ir-reat huwa maħsub għall-protezzjoni tal-persuna anzjana jew adult dipendenti minn abbuż da parti tal-persuni li jiddependu minnhom u persuni li jittrattaw ma' dawn il-persuni vulnerabbli u jkollhom il-kura u

[11] ATT biex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, u biex jipprovdigħal affarijiet oħra li huma anċillari jew konsegwenzjali għal dan.

kustodja tagħhom, ċioe' fejn teżisti bejn is-soġġett attiv u s-soġġett passiv tar-reat, "*a duty of care*."[12]

Fid-Dibattiti Parlamentari relattivi, intqal hekk:-

"*... Jekk inti persuna li kont taf jew missek kont taf li qed tittratta ma' persuna anzjana, hemm kondizzjonijiet li jistgħu jiġu meqjusa bħala offiża gravi, u min se jkun qed jikkomettihom issa ser jitqies li għamel reat li huwa punibbli b'ċerti gradi għoljin ta' piena. .... Il-WHO tgħidlek li: "***Elderly abuse is a single or repeated act or lack of appropriate action occurring within any relationship where there is an expectation of trust, which causes harm or distress to an older person***". Din il-liġi li għandna quddiemna tieħu proprju dan l-ispunt biex meta inti jkollok persuna li suppost qiegħda tipproteġi, tagħti l-kura u għandha l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, issa hemm sett ta' liġijiet ad hoc biex dawn il-persuni vulnerabbli jkunu aktar protetti. ...*" (enfasi tal-Qorti)

Ukoll:

"*... Ħafna drabi l-vittmi jkunu jiddependu direttament fuq in-nies li suppost jieħdu ħsiebhom imma minflok, jabbużawhom..... F'subartikolu 257A(1) qed nipprovaw inwessgħu l-mod ta' kif nistgħu nipproteġu persuna anzjana jew inkella adult indipendenti minn kull abbuż li jista' jsofri. Hawnhekk il-konċett huwa li kemm jista' jkun inkopru diversi ċirkostanzi li jistgħu jinqalgħu fil-kura tal-anzjani u tal-persuni dipendenti u qed nitfgħu ċertu piż ukoll fuq min għandu l-kura tal-anzjani.*"

Il-Qorti tqis li l-abbuż li kellu f'moħħu l-leġislatur jrid ikun imnissel mhux minn azzjoni jew ommissjoni iżolata jew b'effett istantanju, iżda minn imġieba ripetuta jew sistematika li, ikkunsidrat l-istat vulnerabbli jew dipendenti tal-vittma, tikkolmina f'sofferenza jew uġigħ fiżika jew mentali jew tikkaġuna ħsara lill-vittma jew tipperikola s-saħħa tagħha. Hekk per eżempju, nuqqas ta' attenzjoni, kura medika, ikel

---

[12] 7 Il-Pulizija v. Dragana Mijalkovic, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża 17.9.2019.

jew xorb jew iġene, ċioe' aġir li min-natura tiegħu jrid ikun wieħed persistenti biex jilħaq il-qofol ta' sofferenza jew uġigħ fiżiku jew mentali mhux ġustifikabbli jew jipperikola s-saħħa. Fil-fehma tal-Qorti, sofferenza u uġigħ huma riskontrabbli fi stat ta' fatt li jmur lil hinn minn sempliċi weġgħa jew tbatija istantanja (anke jekk b'effetti fiżiċi li jipperduraw), fejn it-tbatija trid tkun imnissla minn aġir, anke ta' natura ommissiva, li huwa sistematiku u li l-aġent jaf li ser iġib sofferenza u ugigħ mhux ġustifikabbli. Dan hu deżumibbli wkoll u fuq kollox, mill-kliem "*ċirkostanzi jew kundizzjonijiet*" fejn l-aġent jopera fi kwadru ta' ċirkostanzi jew sett ta' kundizzjonijiet li jġibu fuq il-vittma uġigħ fiżiku jew mentali mhux ġustifikabbli, jew li fihom huwa "*jġiegħel*" u "*jippermetti*" li l-vittma jsofri.

Il-persuna anzjana jew adult dipendenti li l-imputat odjern qed jiġi mixli li kkaġunalha sofferenza fiżika jew mentali mhux ġustifikabbli, jew ippermetta li saħħitha ssirilha l-ħsara jew qiegħdha f'sitwazzjoni li li l-persuna tagħha jew saħħitha jkunu fil-perikolu, hija martu, Anne Galea li fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat, jirriżulta li kellha ħamsa u tmenin sena. M'hemmx għalfejn jingħad li l-imputat li jiġi żewġha, kien jaf martu kellha iktar minn sittin sena u hija għalhekk persuna anzjana.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-imputat, bħala r-raġel tal-vittma, kien taħt obbligu konjugali reċiproku li jieqaf ma' martu kemm moralment kif ukoll materjalment u jieħu ħsiebha kif ukoll jipprovdi wkoll għall-bżonnijiet tagħha skont il-mezzi u l-kapaċita' tiegħu[13]. Barra minn hekk, il-legam taż-żwieġ inissel fil-konjuġi ċertu aspettattiva ta' fiduċja fil-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, ta' appoġġ fuq kull livell. Huwa stabbilit illi l-koppja ma kellhomx tfal u li l-imputat kien ukoll l-uniku persuna li kien jgħix ma' martu taħt l-istess saqaf u kien jieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha – bl-għajnuna ta' *helper* li kienet tmur tgħinhom biss tliet sigħat fil-ġimgħa. Dan kollu magħdud huwa biżżejjed għall-prova li l-imputat kellu l-kura u kustodja ta' martu, persuna anzjana u huwa wkoll ovvju li messu kien jaf li martu hija persuna anzjana. F'kull każ, id-difiża f'ebda waqt ma kkontestat illi l-imputat kellu l-kura u kustodja ta' martu bħala persuna anzjana.

[13] Artikoli 2 u 3 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi l-Qorti fliet il-provi bir-reqqa.

Jirriżulta b'mod inkonfutabbli illi Anne Galea insabet fi stat ta' saħħa ħażin ferm meta ġiet eżaminata minn Dr. Raymond Grixti u minn Dr. Matthew Vella fis-27 ta' Lulju 2021 u kellha bżonn tinżamm l-Isptar għaliex kienet marida serjament, magħluba u xotta, żdingata u fi stat fqir ukoll mil-lat ta' iġene – qagħda li ġie stabbilit li persuna tispiċċa fiha meta "*tkun waslet fl-aħħar*"[14]. Għall-Qorti dan kollu jnissel inferenza qawwija ta' fatt illi l-kundizzjoni ta' Anne Galea ma kienetx iddeterjorat f'salt jew fi ftit ġranet iżda fuq perijodu iktar konsiderevoli. Din il-konklużjoni hija kompatibbli max-xhieda ta' Anne Galea nnifisha li xehdet illi bdiet tmur għall-agħar mill-aħħar sentejn 'l hawn, meta żewġha bidel l-attitudni tiegħu lejha, ma baqax jixtri l-ikel u jsajjar, kien jagħmel ħafna sigħat barra mid-dar u jidħol tard bil-lejl, u hi bdiet tħossha mdejqa; ix-xhieda ta' Dr. Paul Chetcuti Caruana li xehed li l-aħħar li kien ra lil Anne Galea kien sena qabel fejn kien isibha fis-sodda[15]; ix-xhieda ta' Miriam Aquilina li kkonfermat illi Anne Galea waqfet toħroġ tagħmel ix-xirjiet xi sena u nofs qabel; u x-xhieda ta' Doris Tanti li xehdet illi l-aħħar darbtejn li kienet rat lil Anne Galea kienet fis-sodda, imdejqa, għajjiena u mgħaxxa.

Kif taraha l-Qorti, fl-aħħar ftit xhur mill-inqas qabel Anne Galea ttieħdet l-Isptar b'emerġenza, ma kienetx f'qagħda li tieħu ħsieb lilha nnifisha għaliex kienet nieqsa mill-mobilita', ma setgħetx timxi mingħajr għajnuna[16], ma setgħetx tinżel it-taraġ u kienet tqatta' l-biċċa l-kbira tal-ġurnata fis-sodda, tant illi l-qraba u persuni oħrajn li kienu jidħlu f'darha lkoll xehdu kif kienet dejjem fil-kamra tas-sodda u ma kienetx tinżel isfel[17]. Huwa stabbilit ukoll li l-kundizzjoni mentali tagħha marret għall-agħar

---

[14] Xhieda ta' Dr. Raymond Grixti.

[15] Għall-bqija, il-Qorti ma jidhrilhiex illi x-xhieda tat-tabib Paul Chetcuti Caruana hija veritiera – Miriam Aquilina u l-imputat innifsu (ara stqarrija tal-imputat) jaqblu li l-istess tabib kien mar jinvista lil Anne Galea f'Lulju 2021 meta kienet diġa' fi stat ta' saħħa mwiegħra u kienet magħluba tant illi rrakkomanda li tieħu l-vitamini u wissiha li tista' tispiċċa l-Isptar jekk ma tiekolx tajjeb.

[16] L-espert mediku Dr. Mario Scerri ikkostata illi Anne Galea kellha l-artrite f'daharha u kienet tbati biex timxi u tuża walking aid – relazzjoni Dok. MS1.

[17] Lil Martine Cauchi kienet qaltilha li żewġha kien jgħidilha biex tmur torqod anke filgħodu, u kienet tobdih – ara xiheda ta' Martine Cauchi.

meta waqfet tiegħu l-mediċina anti-dipressiv (kalmanti) li jirriżulta li kellha bżonn tiegħu kuljum biex tiffunzjona tajjeb fuq livell psikjatriku[18].

Iżda żewġha, minflok ipprova jara kif jagħmel biex jieħu ħsiebha, jassigura li tieħu l-mediċina għall-kura tal-kundizzjoni mentali tagħha, jipprovdi jew jirrimpjazza l-attrezzatura li kellha bzonn biex tikkomunika u tiekol tajjeb, iġib l-għajnuna biex tkun tista' tinħasel u tieħu ħsieb l-iġene tagħha, ma tax kas, abbandunaha fid-dar, ma baqax imur jixtri x-xirjiet u jsajjar, u fuq kollox, immaltrattaha inkluż billi kien fiżikament aggressiv fil-konfront tagħha kif ukoll abbuviż anke fuq livell emozzjonali[19]. Atteġġjament li kkaġuna lil Anne Galea swied il-qalb li kompla jikkontribwixxi għad-deterjorament in ġenerali tal-kundizzjoni tas-saħħa tagħha għaliex minħabba d-dwejjaq li kienet qed tħoss, ma rieditx tibqa' żżomm ruħha jew toħroġ u tilfet ukoll l-aptit li tiekol.

Huwa ppruvat abbundantement mix-xhieda li Anne Galea kienet nieqsa mill-ikel u l-vitamini u l-imputat innifsu stqarr li kien jaf li ma kienet qed tixrob l-ilma u kienet inxtorbot għaliex kienet qiegħda tirrifjuta tiekol l-ikel li kien jixtrilha, iżda minkejja li *ex admissis* kien konxju li saħħitha kienet qiegħda tiddeterjora, qal li ma tax kas u ma għamel xejn biex jindirizza s-sitwazzjoni. Fil-fatt, l-imputat baqa' ma pprovdiex l-għajnuna li martu manifestament kellha bżonn biex tiffunzjona tajjeb fuq livell mentali, tiekol ikel sustanzjuż, terġa' tikseb saħħitha lura u żżomm ukoll id-dinjita' tagħha. Jirriżulta mill-provi li l-imputat kien joħroġ jiekol barra u jqatta' sigħat twal barra mid-dar u fil-fatt, stqarr huwa stess li ma għamel xejn biex jgħin lil martu tant li ma kienx reġa' xtralha hearing aid u dentatura oħra bħal dik li kienet tiġiha tajjeb, wara li dawn intremew, skont l-imputat, bi żball. Mhux hekk biss, talli jirriżulta wkoll li l-imputat ipprova jaħbi l-istat imwiegħer ta' saħħet martu minn qrabatha billi diversi drabi sab skuża biex ma jħallihomx jidħlu fid-dar meta kienux jgħaddu biex jarawha u kien anke qal espressament li ma jrid lil ħadd f'daru u ma għandhomx bżonn l-

---

[18] Dr. Joseph Cassar, l-espert psikjatriku ġudizzjajru, irrelata illi Anne Galea kellha storja twila ta' problemi ta' saħħa mentali inkluż li tbati minn psiko-paranoia, liema kundizzjoni marret għall-agħar wara li waqfet tieħu l-mediċini preskritti. Irrelata wkoll illi wara li ittieħdet mid-dar matrimonjali tagħha, Anne Galea reġgħet bdiet tieħu l-medikazzjoni għall-kundizzjoni mentali tagħha u din tjiebet, għalkemm saħaq bħal kull persuna anzjana oħra li tbati b'din il-kundizzjoni u kundizzjonijiet simili, daqqa tkun stabbli u daqqa l-kundizzjoni tiddeterjora.
[19] Anne Galea xedhet li kien jgħidilha kliem li jweġġagħha u kien ikollha ħafna dwejjaq.

għajnuna[20]. Mix-xhieda ta' Miriam Aquilina jirriżulta wkoll li l-imputat kien anke pprova jevita li tmur tara lil martu fil-ħin li kien sejjer jaraha it-tabib, billi qalilha li t-tabib kien sejjer fit-3.30 p.m. meta effettivament kien mar jaraha fil-għodu.

Il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat kien fiżikament abbużiv fil-konfront ta' martu u kien jirrabja magħha, isawwatha, ikaxkarha minn xagħarha. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' Anne Galea nnifisha quddiem il-Qorti, verzjoni li mhux biss ġiet meqjusa bħala kredibbli mill-espert ġudizzjarju Dr. Joseph Cassar, li esprima l-fehma illi l-allegazzjoni li żewġha ġibidha minn xagħarha għandha tittieħed bis-serjeta' anke għaliex hija konsistenti mar-riżultat tal-X-ray ta' sidirha (CXR) li juri li hemm "*healed rib fractures but clinical correlation with history of trauma needed*", iżda li hija pjenament konsistenti u kompatibbli mal-fatti li l-istess Anne Galea kienet irrakkontat lit-tabib tal-emerġenza, lill-ħaddiema soċjali u l-uffiċjal tal-Pulizija li kellmuha meta ġiet ammessa l-Isptar u lin-neputija tagħha Josephine Mallia, fost persuni oħrajn.

Ta' min jissenjala wkoll illi Anne Galea tenniet diversi drabi u b'mod speċifiku illi dakinhar meta spiċċat ittieħdet l-Isptar, żewġha kien taha daqqa b'saħħitha fuq daharha u kien weġġagħha[21]. Asserzjonijiet li del resto baqgħu qatt ma ġew kontradetti jew kuntrastati b'mod effettiv u l-Qorti ma tara ebda raġuni il-għala ma għandhiex tqishom bħala kredibbli u attendibbli, *multo magis* meta jinsabu pjenament sostanzjati mill-prova (i) tar-retiċenza ta' żewġha l-imputat li joħroġ lil martu mid-dar u jdaħħal lil terzi inkluż qrabatha ġewwa darhom[22], (ii) il-qagħda ta' saħħa fiżika ta' Anne Galea li kellha wkoll marki ta' tbenġil fuq wiċċha u (iii) il-qagħda emozzjonali tagħha fejn il-provi juri li kienet imdejqa, mhux ferħana, "down" u għajjiena[23].

---

[20] Ara xhieda ta' Theresa Debono, Miriam Aqulina u Paul Pace.

[21] Hawnhekk il-Qorti tosserva li l-imputat stqarr huwa stess lill-Uffiċjal tal-Probation li ġiet maħtura biex issegwih taħt Ordni Provviżorja ta' Superviżjoni li ngħatat fuq talba tad-difiża, li kien ta daqqa ta' sieq lil martu dakinhar tal-inċident għaliex ħassu rrabjat meta hi rrifjutat tiekol pizza li kien xtralha – ara xhieda ta' Maryanne Zammit tas-27 ta' Ġunju 2023. L-istess ġie mistqarr minnu lill-espert psikologa Dr. Veronica Ellul Federici, maħtura fuq talba tad-difiża (ara rapport Dok. VEF1, paġna 4).

[22] Ara wkoll xhieda ta' Theresa Debono li xehdet illi l-imputat qalilha li ma riedhiex tapplika biex ikollu għajnuna biex martu tinħasel jew biex jibbenefika mis-servizz ta' konsenji ta' ikliet b'xejn. Ir-retiċenza ovvja tal-imputat li jdaħħal lill-qraba ta' martu f'darhom meta kienu marru jarawha u l-fatt li ma ħadhiex għall-funeral ta' oħtha stess u l-fatt li kien ilu 'l fuq minn xahar ma joħroġha, huma sintomatiċi ferm ta' ħabi tal-qagħda miżera ta' martu.

[23] Ara xhieda ta' Paul Pace, Doris Tanti, Martine Cauchi u Anne Galea nnifisha.

Anke jekk Anne Galea setgħet kienet fi stat ta' delużjoni meta ġiet ammessa l-Isptar Mater Dei, għaliex kienet ilha ma tieħu l-mediċina għall-kundizzjoni mentali tagħha, jirriżulta illi l-istess verżjoni tagħha baqgħet issostniha anke sussegwentement, meta l-kundizzjoni tagħha tjiebet wara li reġgħet bdiet tieħu l-mediċina regolarment fl-Isptar u mbagħad fid-djar tal-anzjani fejn marret tirrisjedi. Kemm hu hekk, il-fatti li ġew rakkontati minnha lil Dr. Matthew Vella, PS 2007 Theresa Farrugia, Josephine Mallia u Martine Cauchi, kif jirriżulta mix-xhieda tagħhom, hija konsistenti max-xhieda diretta ta' Anne Galea nnifisha quddiem il-Qorti.

Għalkemm l-imputat insista li martu ma kien jonqosha xejn u kellha flus il-bank u jirrispettaha u huwa minnu li kien għamel l-arranġamenti biex ikollhom l-għajnuna fit-tindif tad-dar u l-faċendi, fejn kienet tmur tgħinhom Doris Tanti darbtejn fil-ġimgħa iżda evidentement, dan ma kienx biżżejjed għaliex li kellha bżonn Anne Galea kienet attenzjoni medika, attenzjoni li l-imputat naqas deliberatament milli jipprovdi lil martu tant illi kif ġie stabbilit mill-provi, Anne Galea insabet bil-ġuħ u bil-għatx u fi stat fiżiku xokkanti u marida serjament.

Biex tindirizza l-argoment tad-difiża illi l-imputat persuna anzjana u kellu bżonn huwa stess xi ħadd min jieħu ħsiebu, u għalhekk id-dover li jieħu ħsieb lil martu ma jistax jitqies li huwa wieħed assolut u jeħtieġ li jkun ikkwalifikat minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi ma taqbilx illi jirriżulta mill-provi proċesswali illi l-imputat kellu bżonn il-kura jew ma kienx kapaċi jieħu ħsieb lilu nnifsu jew lil martu. Anke jekk tassew kellu tmenin sena fiż-żmien tar-reati, l-eta' tal-imputat mhijiex skuża biex jinħeles mid-*duty of care* wisq inqas meta jirriżulta li l-imputat iddeċieda li jassumi waħdu l-obbligu tal-kura ta' martu meta iddeċieda hu stess il-mod kif kellu jieħu ħsieb lil martu u eskluda espressament l-għajnuna ta' terzi persuni jew entitajiet, kif ukoll il-parir tat-tabib tal-familja[24] u ċaħad ukoll l-offerti ta' għajnuna mingħand qrabatha u insista li ma kellhomx bżonn iktar għajnuna. Barra dan il-fatt illi huwa stabbilit mill-provi li l-imputat huwa bniedem attiv u indipendenti

[24] Ara xhieda ta' Dr. Paul Chetcuti Caruana u Miriam Aquilina.

li jsuq il-karozza, joħroġ ta' sikwit, jiltaqa' mal-ħbieb u jiekol ġewwa restaurants, jiffrekwenta l-casino (anke l-għada li martu ttieħdet b'emerġenza l-Isptar) u ma jirriżultax li dak iż-żmien kien ibati minn xi kundizzjoni medika debilitanti jew li kelllu problemi ta' saħħa evidenti u l-Qorti fehmet ukoll li l-imputat ma kienx nieqes lanqas minn mezzi finanzjarji.

F'kull każ, apparti l-eta' tiegħu, ma nġiebet ebda prova li l-imputat kellu bżonn lil xi ħadd huwa stess, biex jieħu ħsiebu. Għall-kuntrarju, jidher li kien ben kapaċi jieħu ħsieb tiegħu innifsu u jżomm ruħu tajjeb, apparti li jirriżulta wkoll li l-imputat huwa bniedem edukat u konsegwentement, kien ben kapaċi jagħmel arranġamenti iktar adatti għall-kura ta' martu. Il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mad-difiża li l-imputat ma kienx jifhem jew jaf li martu kellha bżonn il-kura jew li fil-każ tiegħu l-obbligu tal-kura jeħtieġ li jiġi kwalifikat jew imkejjel b'mod inqas rigoruż, għalkemm dan jista' jkun rilevanti għall-fini tal-piena. Huwa evidenti mill-provi li kien jaf tajjeb x'kien qed jagħmel u li kien qed jassumi responsabbilita' għal egħmilu, mingħajr ma nġiebet ebda prova li ma kellu il-kapaċita' mentali li jifhem it-tajjeb mill-ħażin.

Stabbilit dan kollu, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistabbilixxi jekk humiex riskontrabbli fil-provi r-rekwiżiti tar-reat taħt l-artikolu 257A tal-Kap. 9.

Tibda biex tosserva illi skont l-artikolu 214 tal-istess Kap. 9, l-offiża volontarja tikkonsisti mhux biss fil-ħsara li tiġi kkaġunata volontarjament mill-aġent tar-reat fil-ġisem jew fil-moħħ tal-vittma, iżda wkoll f'dik il-ħsara li tiġi kkaġunata volontarjament fis-saħħa tal-vittma, jekk din il-ħsara tipproduċi mill-inqas wieħed mill-effetti msemmija fl-artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda fil-każ in diżamina, għad illi ma jirriżultax li Dr. Matthew Vella, fl-eżami li wettaq fuq Anne Galea meta ddaħħlet l-Isptar fis-27 ta' Lulju 2021, sab leżjonijiet jew feriti fuq il-ġisem tagħha[25] u ma jirriżultax lanqas illi l-espert mediku ġudizzjarju, li kien eżamina lill-istess Anne Galea fil-25 ta' Settembru 2024, sab xi evidenza fiżika ta' trawma riżultat ta' aggressjoni, il-provi jistabbilixxu illi l-imputat uża, ripetutament, vjolenza

[25] Għalkemm jirriżulta li kellha tbenġil f'wiċċha, kif del resto jidher fir-ritratt Dok. TD2, m'huwiex ippruvat sodisfaċjentement li din ġiet ikkaġunata mill-imputat.

fuq il-persuna ta' martu billi kien isawwatha u jiġbidha minn xagħarha fost abbuż ieħor fiżiku, u wkoll ikkaġuna ħsara fis-saħħa tagħha meta warrab kompletament il-bżonnijiet mediċi kif ukoll bażiċi tagħha. Egħmil abbużiv li fil-kundizzjonijiet tal-vittma, ikkaġuna ħsara fis-saħħa tagħha u x'aktarx kien iwassal għall-mewt. Dan qed jingħad għaliex Dr. Matthew Vella kif ukoll Dr. Raymond Grixti xehdu li kienu sabu ħsara serja lis-saħħa ta' Anne Galea tant illi Dr. Raymond Grixti ippreċiża illi biex spiċċat fil-kundizzjoni li kien iċċertifikaha, kienet "*waslet fl-aħħar.*"

Iżda anke jekk, għal mument, kellha taċċetta li l-uġigħ jew tbatija li Anne Galea kienet imġiegħlha ssofri ma kienx sar f'kundizzjonijiet li jwasslu għal wieħed mill-konsegwenzi msemmija fil-paragrafi tal-artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, u ma ġiex ippruvat kif imiss u b'mod li ma jħallix dubju raġjonevoli, li din il-ħsara setgħet iġġib il-perikolu speċifiku tal-ħajja jew ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti mill-ġisem jew marda permanenti fil-moħħ tal-vittma, fost ħsara oħra, madankollu, għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-artikolu 257A tal-Kodiċi Kriminali, mhux meħtieġ b'mod assolut li jiġi ppruvat li l-uġigħ fiżiku u tbatija mentali mhux ġustifikabbli jiġu kkaġunati f"*ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt*". Dan qed jingħad għaliex kif rajna qabel, ir-reat fiha aspett ieħor li jirrikjedi l-prova li l-persuna li jkollha l-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana, tkun wettqet att ta' kommissjoni jew omissjoni li jagħmel ħsara lill-vittma jew jqiegħduha f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħha tkun fil-periklu.

Il-Qorti, wara li qieset il-ġabra tal-provi u l-konsiderazzjonijiet magħmula iktar qabel, hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tressaq provi suffiċjenti fil-grad meħtieġ għal sejbien tal-ħtija kriminali, tal-elementi kollha tar-reat ravviżat fit-tieni parti tal-artikolu 257A tal-Kap. 9. Iċ-ċirkostanzi estremi ta' saħħa ħażina li kienet tinsab fihom Anne Galea, kienu ċirkostanzi li l-imputat – li kellu l-kura u kustodja tagħha - xjentement ippermettiha li ssofri. Dan meta naqas milli jieħu l-azzjoni meħtieġa u jagħmel dak li kien raġjonevolment mistenni minnu bħala żewġha biex jieħu ħsieb saħħet martu, u jassigura mhux biss li ma tibqax tiddeġenera iżda wkoll li tingħata t-trattament mediku neċessarju, u meta ġab fuqha wkoll uġigħ fiżiku mhux ġustifikabbli

bi swat, ġbid tax-xagħar u tkaxkir mal-art, kif ukoll tbatija mentali meta kien jgħajjat magħha, jitlaqha waħedha d-dar fis-sodda għal sigħat sħaħ u ma jixtrilhiex l-apparat neċessarju biex iżżomm id-dinjita' tagħha u tkun tista' tiekol u tikkomunika tajjeb[26]. B'din l-imġieba, l-imputat indubbjament qiegħed lil martu wkoll f'sitwazzjoni fejn is-saħħa tagħha kienet fil-periklu, kif del resto jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Raymond Grixti u Dr. Matthew Vella.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinsab ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi akkużat, fit-tieni imputazzjoni, bir-reat taħt l-artikolu 251(1) tal-Kodiċi Kriminali, ir-reat ta' vjolenza kontra l-privat. Din id-dispożizzjoni legali ġiet modifikata radikalment bl-emendi li ġew introdotti bl-Att XIII tal-2018 u fis-sura preżenti tagħha, tipprovdi li huwa ħati tar-reat kull min:-

"*… uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg…*"

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrew St. John**[27], ingħad hekk b'riferenza għal uħud mir-rekwiżiti tal-artikolu 251(1) tal-Kodiċi Kriminali:-

*"Dan is-subartikolu gie emendat ricentement bl-Att XIII tal-2018 li, inter alia, gie promulgat "biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu esegwibbli bħala parti mil-Liġijiet ta' Malta…"*

[26] Il-fatt li kellha dentatura li kienet skomda bih ġie stabbilit ukoll mix-xhieda ta' Martine Cauchi, waħda mill-ħaddiema soċjali li għamlu evalwazzjoni ta' Anne Galea meta ddaħħlet l-Isptar li xehdet ukoll illi meta neħħiet id-dentatura setgħet titkellem b'mod ferm iktar ċar.
[27] Deċiża 24 ta' Settembru 2019.

*Fost l-artikoli f'dik il-Konvenzjoni hemm dak li jittratta l-vjolenza psikologika filwaqt li ma hemm ebda riferenza dwar vjolenza morali u konsegwentement kif din tiddistingwi ruhha minn dik psikologika.*

***Artikolu 33 – Vjolenza psikoloġika***

*Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li tiġi kriminalizzata kwalunkwe mġiba intenzjonata li tikkawża danni serji għall-integrità psikoloġika ta' persuna permezz ta' ġegħil jew theddid.*

*Meta jigi kkunsidrat dak li jipprovdi l-Explanatory Report to the Council of Europe Convention on preventing and combating violence against women and domestic violence, Istanbul, 11.V.2011, dwar liema agir ghandu jikkostitwixxi vjolenza psikologika, issir emfazi kbira li l-agir kriminuz ma jridx ikun xi att izolat izda hu essenzjali li jkun hemm 'course of conduct':*

**Article 33 –Psychological violence….**

181. This provision refers to a course of conduct rather than a single event. It is intended to capture the criminal nature of an abusive pattern of behaviour occurring over time – within or outside the family. Psychological violence often precedes or accompanies physical and sexual violence in intimate relationships (domestic violence). ….

*Imbagħad jizdied rekwizit iehor u cioe` li dak l-agir rrid ikun tali li "seriously impairs another person's psychological integrity".*

179. This article sets out the offence of psychological violence. The drafters agreed to criminally sanction **any intentional conduct that seriously impairs another person's psychological integrity through coercion or threats**. The interpretation of the word "intentional" is left to domestic law, but the requirement for intentional conduct relates to all the elements of the offence.

180. The extent of the offence is limited to intentional conduct which seriously impairs and damages a person's psychological integrity which can be done by various means and methods. The Convention does not define what is meant by serious impairment. Use must be made of coercion or threats for behaviour to come under this provision.

*Jibqa' l-fatt li ghalkemm bl-emendi introdotti ghall-artikolu 251(1) tal-Kodici l-legizlatur ma ghazilx li l-artikolu 33 tal-Konvenzjoni jigi trammandat fid-dritt Malti kelma b'kelma, it-tifsira ta' dak li ghandu jammonta ghal 'vjolenza psikologika' ghandha tkun precizament dik it-tifsira li tinsab fl-Att XIII tal-2018 in kwantu kien ghall-finijiet specifici li tigi trammandata dik il-Konvenzjoni fid-dritt, inkluz dak penali, Malti, li saret dik l-emenda. Dik it-tifsira tesigi "**mġiba intenzjonata li tikkawża danni serji għall-integrità psikoloġika ta' persuna permezz ta' ġegħil jew theddid**" [Art.33 Konvenzjoni].* (Enfasi ta' din il-Qorti)

Il-Qorti tosserva illi dan ir-reat fih elementi kostitttivi simili ħafna għar-reat analogu, imsejjaħ '*maltrattamenti in famiglia*' taħt l-artikolu 572 tal-codice penali Taljan, bid-differenza li fl-ordinament ġuridiku Taljan għall-prova tar-reat jeħtieġ l-eżistenza ta' legam speċifiku ta' qrubija, awtorita', edukazzjoni, kustodja jew lavorattiv, bejn l-aġent u s-soġġett passiv tar-reat. Għall-bqija, iż-żewġ reati jeħtieġu l-element ta' maltrattament b'konsegwenzi gravi u speċifiċi, permezz tat-twettiq repetittiv, sistematiku jew abitwali, diversament minn episodju iżolat, ta' atti ta' vjolenza fiżika jew morali jew oppressjoni.

Fir-rigward, ġie ritenut:-

*"Tuttavia, preme evidenziare come, diversamente dal reato di maltrattamenti che – come pacificamente ritenuto dalla giurisprudenza – si configura quale* ***reato abituale di condotta*** *essendo richiesto, ai fini della sua configurabilità, che il comportamento dell'agente sia idoneo sotto il profilo oggettivo a determinare nella vittima una*

*condizione di sofferenza psico-fisica non semplicemente transitoria, ma non anche che tale stato emotivo concretamente si realizzi e si manifesti"*[28]

Il-Qorti, wara li analizzat id-dispożizzjoni legali taħt l-artikolu 251(1) tal-Kodiċi Kriminali fid-dawl tal-prinċipji esposti fil-Konvenzjoni Istanbul[29] u fil-ġurisprudenza Taljana in materja safejn din hija relevanti, tqis illi l-elementi materjali tar-reat huma identifikabbli f'kondotta jew egħmil ripetut da parti tal-aġent, konsistenti f'atti jew theddid ta' ġegħil u koerċizzjoni fuq kull livell li jkun: fiżiku, sesswali, psikoloġiku jew ekonomiku, fost oħrajn. Jeħtieġ ukoll il-prova li dawn l-atti jkunu sewwasew ikkalkulati biex jimminaw id-dinjita' tas-soġġett passiv u l-integrita' psikoloġika tiegħu, jikkalpestaw il-ħsibijiet u azzjonijiet indipendenti u jillimitaw l-isfera tal-liberta' u awtodeterminazzjoni tal-vittma. Fost dawn l-atti jidħlu inġurji, umiljazzjoni, theddid, disprezz, insulti, swat u vjolenza fiżika, u egħmil ieħor vessatorju u wkoll sistematiku, immirat għall-affermazzjoni ta' stat ta' supremazija tal-aġent fil-konfront tal-vittma.

Mhux meħtieġ li l-atti jew l-egħmil materjali jilħqu l-għan tagħhom għaliex ir-rejalizzazzjoni tal-ħsieb tal-aġent jikkostitwixxi forma aggravata tar-reat, kif maħsub fis-subartikolu (2) tal-artikolu 251.

Kwantu għall-element formali tad-*dolo*, jidher li huwa biżżejjed li l-aġent ikun konsapevoli li l-persistenza tal-attivita' jew kondotta vessatorja tiegħu, fiha l-propensita', anke oġġettiva, li tilledi l-personalita', serenita' jew id-dinjita' tal-vittma. Ma jidhrix li hu meħtieġ il-prova tal-intenzjoni pożittiva tal-aġent li jikkaġuna sofferenza fiżika jew mentali[30], basta li jintwera li hu konsapevoli illi l-egħmil oppressiv u ripetut tiegħu ikun qed jissoppressa l-kundizzjonijiet normali tal-ħajja tal-vittma.

---

[28] Cfr. Cassazione penale sez. VI, 20/09/2023, n.43307 in Diritto & Giustizia 2023, 26 ottobre (nota di: Attilio Ievolella)

[29] Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.

[30] Cfr. Cassazione penale sez. III, 19/07/2017, (ud. 19/07/2017, dep. 13/09/2017).

Il-Qorti tal-Kassazzjoni fl-Italja f'sentenza reċenti għamlet espożizzjoni erudita tal-elementi relevanti, materjali u formali, tar-reat taħt l-artikolu 572 tal-codice penali Taljan-

"*Sul piano materiale, affinche possa ritenersi integrate la fattispecie di cui all'art. 572 c.p., si rende necessaria la predisposizione di* ***una pluralità di atti****,* ***tanto attivi quanto omissivi, di natura fisica o psicologica****. Trattasi, dunque, di un reato abituale configurabile anche attraverso la realizzazione di atti di per sé leciti e dunque non costituenti reato. Detto in altri termini, la norma richiede ai fini della sua integrazione la predisposizione di* ***una condotta fisica e/o psicologica che si presenti aggressiva e vessatoria sì da ledere, non già in modo saltuario e/o isolato quanto consueta, la personalità della vittima****.*

*Infine, sotto il diverso profilo soggettivo, la giurisprudenza è concorde nel ritenere sufficiente il dolo generico e cioè la coscienza e la volontà di infliggere alla vittima – pur in assenza di una programmazione ab origine dei singoli episodi – una serie di sofferenze stabilendo una rete di prevaricazioni e vessazioni che ne sviliscono la personalità spingendola a subire, reiteratamente, un forte disagio che gli impedisca una serena condizione di vita. Di talché, a fronte della richiesta coscienza e volontà della condotta oppressiva e prevaricatrice, dell'irrilevanza delle finalità perseguite dal soggetto attivo del reato nel perpetrare gli atti vessatori nonché di una previa prefigurazione degli stessa la giurisprudenza è pacifica nel richiamare il dolo nei termini di 'dolo unitario'.*"[31]

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-fattispeċje tal-każ kif jirriżulta mix-xhieda u l-provi proċesswali, u kif diġa' ġie stabbilit riferibbilment għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tirravviża da parti tal-imputat, kondotta sistematika vessatorja fuq medda ta' diversi xhur, li fl-assjem tagħha kienet tal-kalibru li tilledi s-saħħa psikoloġika ta' Anne Galea u wasslet għal kambjament fil-ħajja jew personalita' tagħha, u minħabba fiha ġiet ukoll iżolata. Dan qed jingħad għaliex il-vittma, li diġa'

[31] Corte di Cassazione – Sez. VI Pen. – Sent. n. 31178 del 15/05/2024.

kienet tbati minn diżordni mentali li kien jeħtieġ il-kura, u kienet ukoll limitata fil-mobbilita' tagħha minħabba artrite u l-effetti ta' operazzjoni f'sieqha, ġiet ulterjorment limitata fl-abbilitajiet tagħha sewwasew minħabba l-abbuż fiżiku mwettaq fuqha mill-imputat, kif ukoll l-ommissjoni deliberata tiegħu li (i) jagħmel l-arranġamenti raġjonevoli biex tkun tista' tirċievi żjarat minn qrabatha u toħroġ mid-dar, inkluż biex tattendi għall-funeral ta' oħtha, b'mod li spiċċat iżolata u mitluqa f'darha, (ii) jagħmel l-arranġamenti raġjonevoli biex jassigura li jkollha ikel bnin u sustanzjuż u għajnuna biex tinħasel u żżomm livell tajjeb ta' iġene personali, (iii) jixtrilha hearing aid u dentatura oħra xierqa biex tkun tista' tikkomunika tajjeb, wara li dawn kien remihom 'bi żball', u (iv) jassigura li tieħu l-mediċina għall-kura tal-kundizzjoni mentali tagħha li kienet essenzjali biex tiffunzjona tajjeb fuq livell psikoloġiku, fost oħrajn.

Indubbjament, din l-imġieba fl-assjem tagħha mhux biss tammonta għal maltrattament tal-vittma, iżda kienet intiża wkoll biex timmina d-dinjita' u s-serenita' ta' Anne Galea u l-integrita' psikoloġika tagħha, tiżolaha u toħolqilha skumdita' u dwejjaq fil-ħajja tagħha ta' kuljum. Jirriżulta mill-provi illi Anne Galea kienet qiegħda tirrifjuta li tiekol minħabba d-dwejjaq li kien qed tħoss sewwasew bl-aġir ta' żewġha fil-konfront tagħha; maltrattament li jidher li kien il-katalist tad-deterjorazzjoni tal-kundizzjoni fiżika kif ukoll mentali ta' martu li l-imputat għamel ftit li xejn biex jindirizzaha.

Il-Qorti hija wkoll konvinta illi l-imputat kien konsapevoli illi bl-egħmil vessatorju u ripetut tiegħu kien qed jissoppressa l-kundizzjonijiet normali tal-ħajja ta' martu u jillimita l-liberta' u l-abbilitajiet tagħha. Din il-konklużjoni hija rinforzata bil-fatt illi l-imputat kien jitlaq lil martu waħedha għaliex kien iqatta' sigħat twal barra mid-dar kuljum u jidħol tard filgħaxija: kieku ma kienx aġixxa b'*dolo* l-imputat, loġikament, kien minn talanqas iżomm lil martu kumpannija, jieħu ħsieb saħħitha u żgur ma kienx isawwatha, jiġbidha minn xagħarha jew ikaxkarha, wisq inqas fil-kundizzjoni ta' saħħa ħażina li kienet tinsab fiha.

Għaldaqstant, għandha tinstab ħtija wkoll għat-tieni imputazzjoni u billi fil-fehma tal-Qorti l-imputat laħaq l-għan tiegħu, għaliex evidentement l-abbilitajiet tal-vittma kienu

ferm imnaqqsa b'konsegwenza ta' egħmilu, għandu jinsab ħati tar-reat fil-forma aggravat tiegħu taħt is-subartikolu (2) tal-artikolu 251 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena, il-Qorti kkunsidrat fuq kollox l-eta' kbira tal-imputat li llum għandu erbgħa u tmenin sena.

Huwa wkoll evidenti li ż-żewġ reati huma reati kontinwati u sejrin għalhekk jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Kap. 9.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-aggravanti tal-piena msemmija fl-artikolu 257A(3)(b) tal-Kap. 9 hija applikabbli fil-każ odjern għaliex jirriżulta li Anne Galea kellha iktar minn sebgħin sena fiż-żmien tar-reati, u jsibu applikazzjoni wkoll għall-piena fuq sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-artikolu 251(1) tal-Kap. 9, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 251H(a) u l-artikolu 202(h)(i) tal-Kap. 9 (bl-applikazzjoni tal-artikolu 251HA), billi Anne Galea kienet il-konjuġi.

Billi madankollu, l-istess atti taw lok għal żewġ reati u kwindu għall-ksur ta' iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi, isib riskontru f'dan il-każ il-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni u għaldaqstant għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa dak taħt l-artikolu 257A tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat illi skont kif jirriżulta mix-xhieda u r-rapporti tal-Uffiċjal tal-Probation li ġiet maħtura biex issegwi lill-imputat taħt Ordni Provviżorju ta' Supervizjoni fuq talba tad-difiza stess, l-imputat għandu bżonn għajnuna psikoloġika biex jaċċetta li għandu jaċċetta l-konsegwenzi ta' egħmilu fil-konfront ta' martu u jerfa' r-responsabbilita' – ħaġa li sal-lum ma jidhirx li għadu għamel. Fil-fatt, ġie kostatat illi huwa nieqes fl-aspett ta' *social intelligence* tant illi ġie rakkomandat li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-imputat għandu bżonn jingħata iktar għajnuna psiko-soċjali u sapport biex jibda

jindirizza xi problemi li għandu mill-aspett soċjali kif ukoll psikoloġika[32]. Dan ukoll għaliex ġie identifikat fl-imputat, xejra ta' vulnerabbilita' emozzjonali kif ukoll problema ta' kontroll tar-rabja, għalkemm ma jirriżultax li jbati minn diżordni mentali bħal dipressjoni jew ansjeta' u huwa pjuttost indipendenti.

Mir-rapporti u x-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation il-Qorti fehmet ukoll li l-attitudni tal-imputat li webbes rasu li ma kellux bżonn jibgħat għall-għajnuna għal martu, fejn ipprova jimminimizza l-konsegwenzi ta' din l-imġieba u jiġġustifika egħmilu, nibet mill-mentalita' patrijarkika u konservattiva li trabba fiha, fejn ir-raġel kien mistenni jlaħħaq ma' kollox u ma jitlobx għall-għajnuna ta' ħaddieħor. Jidher illi sewwasew din ix-xejra ta' ħsieb u nuqqas ta' għarfien emozzjonali li qed iżomm lill-imputat milli jagħraf li għandu bżonn l-għajnuna u li jeħtieġ jerfa' responsabbilita' għall-ksur tal-obbligu ta' kura lejn martu.

Kollox magħdud u wara li ħasbet fit-tul dwar ix-xorta ta' piena li għandha tiġi applikata fuq sejbien ta' ħtija, tqis illi l-iktar piena idonea tkun sanzjoni fil-komunita' fejn l-imputat ikun jista' jkompli jingħata l-għajnuna kollha li jeħtieġ fuq livell emozzjonali u psiko-soċjali. Għaldaqstant, peress illi hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-imputat minn uffiċjal tal-probation tkun mixtieqa fl-interess li jiġi assikurat li jintlaħqu l-bżonnijiet u r-rijabilitazzjoni tiegħu, u li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż il-karattru tal-ħati, il-ħruġ ta' dik l-ordni jkun adatt, sejra tqiegħdu taħt ordni ta' probation għaż-żmien kollu li tippermetti l-liġi.

Huwa minnu li bl-applikazzjoni taż-żjidiet fil-piena taħt l-artikolu 257A(3)(b) tal-Kap. 9, il-piena fuq sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-istess artikolu 257A teċċedi priġunerija għal seba' snin (iżda mhux għaxar snin), iżda fil-każ in diżamina, kif rajna, l-imputat huwa bniedem ferm avvanzat fl-eta' li llum għandu bżonn l-għajnuna, u għaldaqsant, il-Qorti tqis li din hija ċirkostanza li timmerita l-applikazzjoni ta' sanzjoni fil-komunita' taħt l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation.

[32] Ara xhieda ta' Maryanne Zammit – 14 ta' Settembru 2023.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 202(h)(i), 251(1)(2), 251H(a), 251HA, 257A(1)(2)(3)(b) u 257F(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil FRANCIS GALEA ħati tal-imputazzjonijiet kollha iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1)(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu miegħu jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Billi jidher li l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin mhux meħtieġ iktar fiċ-ċirkostanzi, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħruġ tal-Ordni.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**